



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

10586/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0177 (NLE)

WTO 159
UD 178
COASI 104

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: ABBOZZ RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMITAT DOGANALI STABBILIT SKONT IL-FTEHM TA' KUMMERĊ FIELES BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA WAĦDA, U R-REPUBBLIKA TAL-KOREA, MIN-NAĦA L-OĦRA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Protokoll dwar id-definizzjoni ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

ABBOZZ

**RAKKOMANDEZZJONI Nru 1/2020 TAL-KUMITAT DOGANALI
STABBILIT SKONT IL-FTEHIM TA' KUMMERĊ ĦIELES
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA WAĦDA,
U R-REPUBBLIKA TAL-KOREA, MIN-NAĦA L-OĦRA**

ta'..

**dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tal-Protokoll
dwar id-definizzjoni ta' "prodotti li joriġinaw"
u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUMITAT DOGANALI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim") bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, b'mod partikolari l-Artikoli 15.2(1)(c) u 6.16(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 27 tal-Protokoll tal-Ftehim, dwar id-definizzjoni ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), jistabbilixxi fih il-proċedura għall-verifika tal-provi tal-orìgini u l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet doganali tal-Partijiet li jimportaw u jesportaw.
- (2) L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea (minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet") identifikaw il-ħtieġa għal fehim komuni tal-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura ta' verifika stabbilita fl-Artikolu 27 tal-Protokoll u tal-passi differenti f'dik il-proċedura. Tali fehim komuni jenħtieġ li jkun fl-interessi tal-awtoritajiet doganali li huma responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-orìgini u jiżguraw it-trattament indaqs tal-operaturi ekonomiċi soġġetti għal tali verifika, fit-territorju ta' kull Parti.
- (3) Il-Kumitat Doganali huwa mogħti s-setgħa permezz tal-Artikolu 6.16(5) tal-Ftehim sabiex jiformula rakkomandazzjonijiet li huwa jqis neċessarji għall-kisba tal-oġġettivi komuni u għall-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi stabbiliti fil-Protokoll. Il-Partijiet iqisu li huwa xieraq għall-Kumitat Doganali li jiformula rakkomandazzjoni għal fehim komuni u għal implimentazzjoni tajba tal-proċedura ta' verifika stabbilita fl-Artikolu 27 tal-Protokoll,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

1. Il-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura ta' verifika

- (1) Il-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura ta' verifika tal-Artikolu 27 jinqasmu fi tnejn: hija sistema tal-hekk imsejħa "verifika indiretta" u hija bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet.
- (2) "Verifika indiretta" tfisser li l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta ma jwettqux il-verifiki huma stess iżda jibagħtu talba għal verifika lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta u hija r-responsabbiltà ta' dawn tal-aħħar li jwettqu l-verifika billi jikkuntattjaw lill-esportatur. Ir-riżultat tal-verifika jintbagħat mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta. Ir-raġuni hija li l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta, fejn tinħareġ il-prova tal-oriġini (dikjarazzjoni tal-oriġini), huma fl-aħjar pożizzjoni sabiex jivverifikaw dik il-prova minħabba l-qrubija għall-esportatur (għarfien tal-attivitajiet u tal-istorja tal-esportatur, faċilità tal-aċċess għall-informazzjoni, familjarità mas-sistema kontabilistika nazzjonali, l-ebda ostaklu tal-lingwa). Għalhekk, huwa f'idejn l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta li primarjament jiddeterminaw jekk il-prodotti kkonċernati joriġinawx jew le, skont ir-regoli tal-oriġini applikabbli.

- (3) Il-“verifika tal-provi tal-oriġini” ssir abbażi tal-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet. Hawnhekk, “fiduċja reċiproka” timplika li l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta jenħtieġ li jivverifikaw bir-reqqa l-kwistjonijiet sottomessi mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, u jikkomunikaw ir-riżultati ta’ din il-verifika lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta, li tiddependi mir-riżultati tal-ħidma mwettqa mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta. Madankollu, l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jżommu d-dritt li jitolbu informazzjoni addizzjonali lill-Parti li tesporta jekk iqisu li t-tweġiba ma tkunx kompluta biżżejjed jew li ma tippermettix li wieħed jifhem il-pożizzjoni espressa mill-Parti li tesporta. Id-dettalji dwar liema informazzjoni tista’ tintalab mill-Parti li timporta lill-Parti li tesporta huma elaborati aktar taħt is-sezzjonijiet 2.4.2 (Sejbiet u Fatti) u 2.4.3 (Informazzjoni Suffiċjenti).

2. Passi differenti fil-proċedura ta’ verifika

2.1. It-tnedija ta’ talba għal verifika

- (4) L-awtoritajiet Doganali tal-Parti li timporta jistgħu jniedu talba għal verifika sussegwenti tal-provi tal-oriġini meta jkollhom dubji raġonevoli dwar:
- l-awtentiċità tad-dokument. Eżempju: dubji dwar jekk il-fattura li fiha d-dikjarazzjoni tal-oriġini hijiex fattura falza magħmula mill-importatur jew mill-esportatur bl-għan li jibbenefika minn oriġini preferenzjali;

- l-istatus oriġinarju tal-prodott ikkonċernat. Eżempju: dubji dwar jekk il-prodotti jissodisfawx il-kriterji li jiddeterminaw l-oriġini stabbiliti fl-Anness II tal-Protokoll (ir-Regoli Speċifiċi għall-Prodotti);

jew

- l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħra tal-Protokoll relatati mal-provi tal-oriġini. Eżempju: dubji dwar jekk l-esportatur kellux jew għadx għandu l-istatus ta' esportatur approvat.

- (5) Minbarra l-każijiet ta' dubju raġonevoli dwar l-elementi msemmija hawn fuq, l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta għandhom il-possibbiltà li jniedu talba għal verifika għal każijiet magħżula b'mod aleatorju. Dan ikopri l-każijiet li ma jaqgħux fl-ambitu tat-3 elementi msemmija hawn fuq koperti mid-dubju raġonevoli.

2.2. Bgħit tat-talba għal verifika

- (6) L-awtoritajiet Doganali tal-Parti li timporta għandhom jibagħtu t-talba għal verifika lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta responsabbli għall-verifika tal-provi tal-oriġini. It-talba tindika jekk tkunx tnediet b'mod aleatorju jew fuq il-bażi ta' dubji raġonevoli. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 27 jipprovdi li t-talba tkun tindika, fejn xieraq, ir-raġunijiet għall-investigazzjoni.

- (7) L-indikazzjoni tar-raġunijiet għall-investigazzjoni tkun tippermetti lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta jindirizzaw it-talba bl-aktar mod effiċjenti f'termini ta' kostijiet u ta' piż amministrattiv.
- (8) Min-naħa l-oħra, jekk l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jitolbu investigazzjoni b'mod aleatorju, ma jkollhomx għalfejn jindikaw raġuni għall-investigazzjoni.
- (9) Madankollu, f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 27, il-provi tal-orijini jew kopja ta' dawn id-dokumenti tal-prodotti soġġetti għall-investigazzjoni jenħtieġ li jintbagħtu lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta.

2.3. Eżekuzzjoni ta' Verifika

- (10) Permezz tas-sistema ta' verifika indiretta, il-verifika tal-provi tal-orijini magħmula mill-esportaturi fil-Parti li tesporta taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta. Madankollu, bl-applikazzjoni tal-Paragrafu 8 tal-Artikolu 27 (Ara 2.9, Inkjesta Konġunta, għal aktar dettalji), l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, ikunu involuti fil-proċess ta' verifika fit-territorju tal-Parti li tesporta.

- (11) F'każ ta' verifika tal-provi tal-oriġini pprovduti mill-importatur, l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jniedu talba ta' verifika lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta. L-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta ma jitolbux lill-importatur sabiex jiġbor l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 2.4.2 u 2.4.3 huwa stess mingħand l-esportatur.
- (12) Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 ma jipprovdux li l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jistgħu jitolbu direttament lill-esportaturi sabiex jipprovduhom *data* jew informazzjoni.
- (13) Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux lill-importaturi u lill-esportaturi taż-żewġ partijiet, b'kunsens reċiproku u fuq bażi volontarja, milli jiskambjaw *data* jew informazzjoni ma' xulxin u jissottomettuhom lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta. L-iskambju jew is-sottomissjoni ta' tali *data* mhumiex obbligatorji u kwalunkwe rifjut li tingħata l-informazzjoni mhuwiex raġuni għaċ-ċaħda ta' preferenza mingħajr verifika. Mhumiex parti mill-proċess ta' verifika.
- (14) L-evidenza tat-trasport dirett ippreżentata fir-rigward tal-Artikolu 13 ma titqiesx bħala prova tal-oriġini u bħala tali mhijiex ikkonċernata mill-verifika tal-provi tal-oriġini tal-Artikolu 27.

2.4. Trattament tar-Riżultati tal-verifika

- (15) L-awtoritajiet Doganali tal-Parti li tesporta jinformaw lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta dwar ir-riżultati tal-verifika, inklużi s-sejbiet u l-fatti, malajr kemm jista' jkun. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-awtoritajiet Doganali tal-Parti li tesporta jimminimizzaw kemm jista' jkun il-ħin tar-rispons għat-talbiet ta' verifika li jikkonċernaw il-validità ta' status ta' esportatur approvat.

2.4.1. Mezzi awżiljarji ta' komunikazzjoni

- (16) Il-komunikazzjoni tat-talbiet għall-verifika u tan-notifiki tar-riżultati tagħhom bejn l-awtoritajiet doganali taż-żewġ Partijiet issir permezz tal-posta konvenzjonali. B'mod parallel, l-awtoritajiet doganali taż-żewġ Partijiet jistgħu jużaw mezzi awżiljarji bħall-posta elettronika sabiex jikkomunikaw malajr u jiżguraw li t-talbiet jew it-tweġibiet jaslu għand id-destinatarju fil-Parti rilevanti.

2.4.2. Is-sejbiet u l-fatti

(17) It-termini “sejbiet u fatti” jfissru li t-tweġiba dwar il-verifika pprovduta mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta tinkludi xi dettalji dwar il-proċedura ta’ verifika mwettqa minnhom. L-ambitu tas-“sejbiet u fatti” huwa limitat għall-elementi li ġejjin:

- il-konklużjoni dwar l-awtentiċità tad-dokumenti, l-istatus ta’ orġini tal-prodotti kkonċernati jew l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħra tal-Protokoll;
- id-deskrizzjoni tal-prodott soġġett għall-verifika u l-klassifikazzjoni tariffarja rilevanti għall-applikazzjoni tar-regola tal-orġini;
- u
- informazzjoni dwar il-mod li bih saret l-eżaminazzjoni (meta u kif).

2.4.3. Biżżejjed informazzjoni

(18) Fil-każ ta’ verifika b’mod aleatorju, l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta ma jitolbux aktar informazzjoni minn dik li hija elenkata fil-punt 2.4.2 (sejbiet u fatti) lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta.

(19) Fil-każ ta' verifiki fuq il-bażi ta' dubji raġonevoli, jekk l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta titqies mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li timporta bħala insuffiċjenti sabiex tiġi ddeterminata l-awtentiċità tad-dokumenti jew l-orijini reali tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta. L-informazzjoni addizzjonali mitluba ma tistax tmur lil hinn mil-lista li ġejja:

- Fejn il-kriterju tal-orijini kien “miksub kompletament”, il-kategorija applikabbli (bħall-ħsad, l-estrazzjoni, is-sajd u l-post tal-produzzjoni);
- Fejn il-kriterju tal-orijini kien ibbażat fuq metodu ta' valur, il-valur tal-prodott finali kif ukoll il-valur ta' dak kollu mhux oriġinarju użat fil-produzzjoni;
- Fejn il-kriterju tal-orijini kien ibbażat fuq tibdiliet fil-klassifikazzjoni tariffarja, lista tal-materjali mhux oriġinarji kollha inkluża l-klassifikazzjoni tariffarja tagħhom (f' format ta' 2, ta' 4 jew ta' 6 ċifri skont il-kriterji tal-orijini);
- Fejn il-kriterju tal-orijini kien ibbażat fuq il-piż, il-piż tal-prodott finali kif ukoll il-piż tal-materjali mhux oriġinarji rilevanti użati fil-prodott finali;

- Fejn il-kriterju tal-oriġini kien ibbażat fuq ipproċessar speċifiku, deskrizzjoni ta' dak l-ipproċessar speċifiku li ta l-oriġini lil dak il-prodott partikolari; u
 - Fejn tiġi applikata r-regola tat-tolleranza, il-valur jew il-piż tal-prodotti finali u l-valur jew il-piż tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-produzzjoni tal-prodotti finali.
- (20) Jekk tweġiba ma jkunx fiha l-informazzjoni suffiċjenti msemmija hawn fuq sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jkunu jistgħu jiddeterminaw l-awtentiċità tad-dokumenti inkwistjoni jew l-oriġini reali tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali rikjedenti għandhom jiċħdu d-dritt għall-preferenza, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali (Ara s-sezzjoni 2.7. dwar Ċirkustanzi Eċċezzjonali).
- (21) L-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta ma jibagħtux lill-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta l-informazzjoni kunfidenzjali li d-divulgazzjoni tagħha titqies mill-esportatur li tixħet f'riskju l-interessi kummerċjali tiegħu. In-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali ma tkunx raġuni unika sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jirrifjutaw id-dritt għall-preferenza, dment li l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta jipprovdu r-raġunijiet għaliex ma jibagħtux l-informazzjoni kunfidenzjali u jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-merkanzija, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta.

2.5. Skadenza għat-tweġib ta' talba għal verifika

- (22) Il-paragrafu 6 tal-Artikolu 27 jistipula li r-riżultati tal-verifika jridu jiġu kkomunikati mill-aktar fis possibbli.
- (23) Il-paragrafu 7 tal-Artikolu 27 jistabbilixxi li l-Parti li timporta jenħtieġ li, fil-prinċipju, tiċħad id-dritt għall-preferenza iżda biss meta jkunu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet fl-istess ħin:
- it-talba għal verifika tkun saret abbażi ta' dubji raġonevoli;
 - u
 - ma jkun hemm l-ebda tweġiba fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għal verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha informazzjoni suffiċjenti sabiex tiġi ddeterminata l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti.
- (24) Din id-dispożizzjoni timplika li, għal każijiet magħżula b'mod aleatorju għall-verifika, il-Parti li timporta ma tistax tirrifjuta id-dritt għall-preferenza mingħajr it-tweġiba mill-Parti li tesporta.

2.5.1. L-iskadenza fil-każ ta' verifika b'mod aleatorju

(25) L-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta jagħmlu l-aħjar li jistgħu sabiex iwieġbu għall-verifiki b'mod aleatorju fi żmien 12-il xahar. Madankollu, peress li l-Artikolu 27 ma jiddefinixxix skadenza għall-verifiki b'mod aleatorju, l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta ma jirrifjutawx il-preferenza għall-unika raġuni li l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta ma jkunux ipprovdew tweġiba fi żmien 12-il xahar dwar talba għal verifika b'mod aleatorju.

2.5.2. L-iskadenza fil-każ ta' dubji raġonevoli

(26) Għal każijiet magħżula b'dubji raġonevoli, il-Parti li timporta għandha tiċħad id-dritt għall-preferenza meta ma jkun hemm l-ebda tweġiba fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għal verifika, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

2.6. Tibdil tar-riżultati

(27) F'ċerti eċċezzjonijiet, ir-riżultati ta' verifika jistgħu jitbiddlu mill-awtorità doganali tal-Parti li tesporta. It-tbiddil tat-tweġiba oriġinali jsir fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għal verifika.

2.7. Ċirkustanzi eċċezzjonali

- (28) Madankollu, anke jekk iż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq għaċ-ċaħda tad-dritt għall-preferenza jkunu ssodisfati, it-test tal-paragrafu 7 tal-Artikolu 27 jistipula li l-għoti ta' trattament preferenzjali jibqa' possibbli fuq il-bażi tal-klawżola ta' "ċirkustanzi eċċezzjonali".
- (29) Fil-fatt, il-Parti li timporta żżomm id-diskrezzjoni li tiddeċiedi li jkun hemm ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw id-dritt għall-preferenza m'għandux jiġi miċħud bħala tali.
- (30) Iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali jinkludu b'mod partikolari s-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- Il-Parti li tesporta ma tkunx f'pożizzjoni li tipprovdi tweġiba għat-talba għal verifika sottomessa mill-Parti li timporta meta:
 - (a) aċċidenti li l-esportatur ma setax raġonevolment ikun mistenni jipprevedi bħal nirien, għargħar jew diżastri naturali oħra, u gwerra, rewwixta, attakk, strajk u oħrajn simili, jirriżultaw f'telf parzjali jew sħiħ tad-dokumenti ta' appoġġ tal-oriġini jew f'dewmien fis-sottomissjoni ta' dawk id-dokumenti; jew

- (b) it-tweġiba tkun ġiet ittardjata minħabba kawżi mhux kontrollabbli bħal proċedura tal-appell amministrattiv jew ġudizzjarju skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti għalkemm l-esportatur u l-awtorita doganali tal-Parti li tesporta jkunu għamlu d-diliġenza dovuta tagħhom f'konformita mal-obbligi skont dan il-Protokoll.
- Ikun instab li jew it-talba jew it-tweġiba għat-talba ma laħqux id-destinazzjoni tagħhom minħabba żbalji li saru mill-awtoritajiet involuti;
- It-talba jew it-tweġiba għat-talba għal verifika ma jkunux waslu minħabba problemi fil-mezzi ta' komunikazzjoni (eż. tibdil fl-indirizz tal-persuna responsabbli mill-verifika, ir-ritorn ta' posta minħabba żbalji amministrattivi tal-awtoritajiet postali, eċċ.).

2.8. Tfakkira

- (31) Meta ma tkun għadha waslet l-ebda tweġiba, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet doganali tal-Parti li timporta jibagħtu tfakkira lill-Parti li tesporta qabel ma jintemm il-perijodu ta' 10 xhur.

(32) Huwa rakkomandat li l-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta li ma jkunux f'pożizzjoni li jwiegħbu fi żmien l-iskadenza ta' 10 xhur tinforma lill-awtorità rikjedenti b'dan qabel l-iskadenza bi stima ta' kemm ikun għad fadal sabiex titlesta l-proċedura ta' verifika tagħhom u r-raġuni għad-dewmien tat-twegħiba.

2.9. Investigazzjoni Konġunta

(33) Il-paragrafu 8 tal-Artikolu 27 jipprovdi li l-Parti li timpорта tista' tkun preżenti f'verifika tal-oriġini mmexxija mill-awtoritajiet doganali tal-Parti li tesporta u li, f'każ bħal dan, iż-żewġ Partijiet jirreferu għall-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka (il-Protokoll dwar l-MAA) fil-qasam Doganali għall-eżekuzzjoni tat-talba ta' parteċipazzjoni mill-Parti li timpорта. F'każijiet bħal dawn, japplikaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7. B'mod partikolari, l-Artikolu 7(4) tal-Protokoll dwar l-MAA jistipula li huma biss l-uffiċjali debitament awtorizzati tal-Parti li timpорта li jistgħu jkunu preżenti fl-investigazzjonijiet mwettqa fit-territorju tal-Parti li tesporta, u li l-kundizzjonijiet tal-investigazzjoni konġunta jiġu stabbiliti mill-Parti li tesporta.

Magħmul fi ..., ... 2020.

Għall-Kumitat Doganali UE-Korea

F'isem l-Unjoni Ewropea

F'isem ir-Repubblika tal-Korea